KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 20

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret b'mod virtwali.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*21.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*21.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*21.5 Rapporti;*
*21.6 Pjanijiet għall-Milied;*
*21.7 Items Oħra;*
*21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*21.10 Mozzjonijiet*
*21.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

21.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera V.Galea Pace u l-kunsillier E.Borg ma setawx jattendu għal laqgħa.

**21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

21.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti nru. 20 u 21. *Minuti nru 20 u 21*

**21.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

21.3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni talba mingħand Notebook li offrew servizzi tagħhom b'xejn lir-residenti tal-lokalita f'kaz illi l-Kunsill ikun lest iħallas €5,000 għal sena. Qal illi bħala Kunsill ikun hemm bzonn biss il-promozzjoni tagħha u qal illi din l-iskema qegħda taħdem sew ġewwa lokalitajiet oħra. *Notebook*
Il-kunsilliera P.Portelli u P.Radmilli qalu li m'hemmx ħafna valur fl-iskema peress illi qegħdin joffru servizzi b'xejn li ma jiswewx ħafna flus. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi €5000 aħjar jintefħqu f'korisjiet għall-anzjani.
Wara diskussjoni din it-talba ġiet irrifjutata.
.

**Il-kunsillier K.Wain daħal għal ħabta ta' 6.40pm**

21.3.2 Is-Sindku qal illi WSC iridu jirranġaw l-infrastruttura li hemm ġewwa triq Għar il-Lembi u minħabba f'hekk ir-RWP tagħna mhix se tiġi approvata sakemm indaħħlu x-xogħolijiet tagħhom. B'hekk issa hemm bzonn naraw illi x-xogħolijiet tagħhom jifformaw parti mill-proġett. *Għar il-Lembi*

21.3.3 Is-Sindku għamel referenza għall-petizzjoni li hemm biex jittieħed azzjoni fuq il-problema kbira li tezisti minħabba l-ħamiem. Qal illi hemm bzonn inkomplu nagħmlu pressjoni għalhiex is-sitwazzjoni issa hija waħda 'out of hand'. Issuġerixxa li ~~nsejjħu~~ nħejju press releases. *Ħamiem*
Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li nagħmlu survey bħal ma saret ftit ta' snin ilu waqt illi l-kunsillier R.Padmilli qal illi għanda nipplubikaw il-korrespondenza li għandna.
Is-Sindku qal illi għandna bzonn nippromwovu l-idea li ħarġet fil-laqgħa preċedenti fejn nipprovdu l-materjal u s-servizz biex jingħalqu l-vents.
.

21.3.4 Is-Sindku qal illi sid il-bins ta' OPAL qiegħed jinsisti li l-upkeep tal-bins tiegħu jaqaw f'idejna. Il-Kunsill qabel illi nneħħu dawk illi qegħdin joħolqu periklu. *OPAL*

**21.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**
**TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**
21.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**21.5 RAPPORTI**

21.5.1 Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont tal-laqgħa tal-fondi. Qabel ma *Kumitat tal-fondi*

beda jagħti r-rapport tiegħu, il-kunsillier J.Pillow intervenja u skuza ruħu li ma kienx prezenti għal dik il-laqgħa.

21.5.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi saru ammont ta' laqgħat ma NGO's fil-ġimgħat illi għaddew. Spjega kif biex isir joint application il-Kunsill ikollu joħroġ parti mill-ispejjez [mid-DPF]. Fakkar illi minn dawn il-fondi li għandna, 80% huma għall-Kunsill Lokali waqt illi l-bqija huma għall-NGO's. Qal illi ttieħdet deċizjoni fil-kumitat biex aħna nagħtu 20% tal-infieq lill-applikanti sa massimu ta' €5000 għal kull applikazzjoni. B'hekk proġett ta' €1000, il-Kunsill ikollu joħroġ €200, għal proġett ta' €25,000 il-Kunsill joħroġ €5000, waqt illi noħorġu l-istess ammont ta' €5000 għal proġett ta' €100,000.
Kien hemm qbil fuq din ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat.

21.5.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għall-proġett ta' Dingli str. il-Kunsill kellu jirċievi flus f'tlett stadji. S'issa qatt ma ħadna xejn la qatt ma saret it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li tkellem mall-P.A m'għandix tkun problema sabiex nieħdu l-flus tal-proġett skond il-kuntratt, izda se tkun diffiċli biex nieħdu dawk il-flejjes extra għall-variations. Din se tkun deċizjoni tal-bord.

21.5.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-istess tapplika għall-proġett tal-monument ta' Vince Apap. Is-S.E qal illi d-differenza li hemm f'dan il-kaz huwa li l-kuntrattur sparixxa u l-proġett kella terġa tibda mill-ġdid fejn anka kella terġa ssir applikazzjoni ġdida għad-DNO.

21.5.5 Dwar Proġetti Kapitali: Aċċessibilta u Mobilta, qal illi fil-kumitat kien hemm qbil illi l-Kunsill jixtri van electric biex tintuza bħala Council Cab. Qal illi d-deċizjoni kienet illi din tkun aċċessibli għall-wheelchairs ukoll. Kien hemm qbil ma din l-idea.

21.5.6 Dwar Sk Nru 1/2020 kien hemm suġġeriment illi din tintuza biex nixtru l-materjal għall-vents biex ikun hemm kontroll fuq il-ħamiem.

21.5.7 Dwar Sk Nru 6/2020 hemm €10,000 għall-attivitajiet tal-Milied. Kien hemm diskussjoni mill-kunsilliera fejn kien hemm qbil illi għanda ssir minn kollox biex nevitaw illi nies joħorġu f'gruppi fil-pubbliku, avolja esprimew ix-xewqa li jkun hemm naqra entuzjazmu għall-Milied anka f'dawn iċ-ċirkostanzi kurrenti.
Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li jkun hemm banda li ddur mal-lokalita izda l-kunsillier P.Portelli qal din m'għandiex isir anqas

peress illi l-bandisti jonfqu waqt illi jimxu u jkun hemm periklu għal dawk ta' warajhom. Issuġerixxa minflok illi tinkera sala, l-bandisti jzommu d-distanza u tiġi trasferita xandira diretta ta' din l-attivita.

21.5.8 Dwar il-fondi tal-LESA qal illi ammont mill-funtani huma lesti u l-flejjes qegħdin jintuzaw għax-xiri tal-materjal għal dawn ix-xogħolijiet.

21.5.9 DHL: Il-kuntratt intemmet fis-sena 2018 u saret talba biex tiġi estiza sa 2021. Id-deċizjoni kienet biex il-fondi li ġejjin minn hawn jintefqu fuq Mini-bins fejn se nixtru 3000 minnhom.

21.5.10 Capital Projects Fund: Il-Kunsill qatt ma ingħata l-ewwel tranche ta' €11,500 ftit ta' snin ilu. Ittieħdet id-deċizjoni li tintbagħat ittra lill-Onor. Jose Herrera dwar din.

21.5.11 Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier P.Radmilli għax-xogħol illi għamel u għall-mod kif spjega ruħu lill-NGO's għall-fondi li jixtiequ juzaw.

21.5.12 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi saret laqgħa oħra mall-bord tal-evalwazzjoni tat-tender tal-aċċessibilita fuq il-bankini, u wara li rċevejna l-kjarifiċi li tlabna l-orħos tnejn m'għandomx il-ħiliet biex jagħmlu dan it-tip ta' xogħol. B'hekk il-kumitat qabel illi s-sejħa terġa toħroġ la s-sejħa ma kinitx ċaraavolja l-izball kienet waħda tal-Kunsill Lokali izda t-tender ma tistax tinħareġ b'mod ġust fil-prezent. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li t-tender tiġi kkanċellata u ġiet ssekondata mill-kunsillier J.Pillow. Kien hemm qbil unanimu ma din id-deċizjoni. *Tender: Bankini*

21.5.13 Urban Greening Project: Il-kunsillier P.Radmilli qal illi bagħat l-ispeċifikazzjonijiet ħalli t-tender tkun tista tinħareġ. *Urban Greening Project*

## 21.6 PJANIJIET GĦALL-MILIED

21.6.1 Il-kunsillier A.Debono qal illi wassalna f'nofs ix-xahar ta' Ottubru u għadna ma kkonfermajniex l-intezjonijiet tagħna għall-Milied. Fil-laqgħa tal-kumitat kien hemm prezenti hu u s-Segretarju Ezekuttiv biss. Il-kunsillier J.Pillow qal illi aċċetta wkoll illi jkun fil-kumitat izda ma rċieva ebda talba għal-laqgħa.
Il-kunsillier A.Debono qal illi kien hemm diversi talbiet biex ikun hemm muzika tal-Milied madwar areas tal-lokalita.
Il-kunsillier J.Pillow qal illi din is-sena se tkun waħda diffiċli biex il-ħwienet joħorġu xi fondi għall-dekorazzjonijiet. Issuġerixxa wkoll illi attivitajiet ma jsirux.
Wara diskussjoni, il-kunsilliera A.Debono u J.Pillow qablu li jduru l-ħwienet huma biex jaraw jekk hemm interess għal din is-sena.

21.6.2 B'referenza għall-istess punt ta' qabel din, il-kunsillier J.Pillow ikkonferma li l-kumitat ta' Bisazza kkonfermat illi huma lesti joħorġu fondi għad-dawl u tizjin. Is-Sindku qal illi hemm kumpanija li hi lesta tħallas l-ispejjez għad-dawl bil-forma ta' rigal illi krejna s-sena l-oħra.

## 21.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

21.7.1 Il-kunsillier J.Pillow ta update fuq ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru fil-ġnien Bonello DePuis fejn qal illi x-xogħol miexi sew. Kien hemm ritratti bl-updates tax-xogħolijiet. Il-kunsillier J.Pillow fakkar biss illi hemm bzonn ukoll illi naħsbu għall-fencing għall-ġnien. Zied illi sal-aħħar tax-xahar il-fazi prezenti, fejn qegħdin isiru strutturi ġodda, għanda titlesta waqt illi xogħolijiet oħra huma pendenti għal wara l-perjodu tal-appell tal-applikazzjoni tal-MIDI. Zied illi meta jiġu biex jagħmlu l-aħħar layer tat-tiling hemm bzonn security biex inkunu ċerti li ħadd ma jirfes fuq ix-xogħolijiet waqt illi jkunu qegħdin isiru.

21.7.2 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-għada tal-laqgħa se jsiru l-ewwel laqgħat dwar in-niċċeċ. Fakkar illi r-residenti li għandom in-niċċeċ mall-propjeta tagħhom għandom dritt ma jaċċettawx illi ssir ix-xogħol fuqhom. Qal illi sal-aħħar tal-ġimgħa ta' wara l-laqgħa se jsiru l-ewwel ħmistax ~~il-laqgħa~~in-niċċa.

**Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Staqsa jekk il-laqgħa għanda tkompli. Kien hemm deċizjoni unanima li l-laqgħa titkompla.**

21.7.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-passaġġi tal-ġnien mhumiex qegħdin jitnaddfu sewwa u qal illi għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Contracts Manager biex jara li x-xogħol qed isir sew.

21.7.4 Il-kunsillier J.Pillow qal illi xogħolijiet fuq il-funtana ta' Pjazza Sant'Anna bdew u kienu f'stat dizastruz u l-kuntrattur preċedenti zgur ma kienx qiegħed jagħmel xogħolhu kif suppost. Qal ukoll illi hemm bzonn ħasla fil-pjazza.

**Il-kunsillier P.Portelli talab illi jkun skuzat għall-ħabta ta' 21.15. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll illi l-kunsillier W.V.Baldacchino bagħat waqt il-laqgħa li mhux se jkun jista jattendi peress illi inqabad fuq xogħol u ma setax joħroġ.**

21.7.5 Il-kunsillier D.Soler qal illi l-funtana bil-globu qegħda ddur wisq malajr. Is-Sindku qal hemm bzonn isir ftit 'polish' u se tibda ddur b'mod differenti u effettivament mhix se tgħaġġel daqshekk. Zied ukoll illi se ssir ħġieġ biex wieħed ma jkunx jista jaqbez fuqha jew jipprova jdawwar il-globu.

21.7.6 Il-kunsillier P.Radmilli talab biex il-culverts jibdew jitnaddfu izjed kmieni matul is-sena u mhux lejn l-aħħar ta' Settembru. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-talba saret diversi ġimgħat qabel għax-xogħoljiet izda minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti, is-CSD ma setawx jibdew qabel. Fakkar illi minħabba l-istess ċirkostanzi l-ħaddiema tal-Kunsill ma kienux f'pozizzjoni biex jieħdu ħsieb dawn ix-xogħoljiet anqas fl-istess perjodu izda x-xogħolijet saru u qed jistenna r-rapport tas-CSD. Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow qal illi ammont minnhom ma sarux, speċifikament dawk mat-Tower Crane ta' Pjazza Sant' Anna u dawk li huma fil-viċinanza fit-triq.

21.7.7 Il-kunsillier J.Pillow fakkar illi hemm bzonn illi ssir zabra tas-siġar illi hemm ġewwa Pjazza Sant'Anna.

21.7.8 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi s-siġar illi hemm in-naħa tax-Xatt huma mgħawwġin u s-sapports mhumiex qegħdin ikunu effettivi.

Issuġerixxa li dawn is-sapports jitneħħew. Qal illi la m'hemmx ħamrija se tkun diffiċli biex dawn jibqaw dritti u ppropona li ssir stand b'erbgħa saqajn minflok. Il-kunsillier J.Pillow qal illi tista ssir izjed ħamrija.

21.7.9 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar l-ispray tal-klieb u fejn wasalna. Ingħata risposta li għandom jaslu f'ġimagħtejn skond is-supplier.

21.7.10 Il-kunsillier K.Wain qal illi f'laqgħat preċedenti s-Sindku kien irrefera għal proposta li saret mill-leġislatura preċedenti biex flimkien ma' Insureres naraw il-perikli li hemm fit-toroq u nsibu mezzi madwarhom. Is-Sindku qal illi kien qal f'laqgħat preċedenti li kien hemm rezistenza mill-HQ ta dawn Insurers biex din isir u b'hekk qatt ma tkompliet l-idea. Zied hawnhekk illi meta IM għamlu xogħoljiet f'Tower Road, fejn qabel kien hemm parti minnha għolja bħala preventative measure, din issa saret lixxa u x-xogħolijiet għandom isiru biex titranġa x-xogħol.

21.7.11 Il-kunsillier D.Muscat għamel referenza għal Ġieħ Tas-Sliema u l-proposti għal din is-sena la mhix se ssir fit-Teatru tas-Salesjani. Issuġerixxa li n-nominazzjonijiet jinfetħu erbgħa t'ijiem wara d-deadline u l-Bord jiltaqa ġewwa sala kbira biex izommu safe distancing. Issuġerixxa wkoll illi l-attivita ssir online u forsi anka tixxandar fuq stazzjoni televizziv. Kien hemm qbil ma dawn is-suġġerimenti.

21.7.12 Il-Viċi Sindku qalet illi diversi Kunsilli se jixgħelu l-binja tagħhom orange għal Mental Awareness Month. Kienn hemm qbil illi l-Kunsill jipparteċċipa.

21.7.13 Il-Viċi Sindku qalet illi diversi residenti ta' triq Sant'Antnin ilmentaw dwar l-istat tal-bankini u n-nuqqas ta' sleeping police/zebra crossing illi hemm in-naħa t'isfel tat-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi ma kull sleeping police jista jkun hemm il-kaz illi r-residenti wara jilmentaw minħabba l-istorbju li jagħmlu.
Is-Sindku qal illi l-problemi nħolqu kollha minħabba l-ħanut li hemm mall-kantuniera li għandu enforcement notice izda qatt ma sar xejn minn dakinhar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ilha mizerjament minn Mejju 2019. Is-Sindku qal illi f'dal-istedju għanda tintbagħat applikazzjoni biex isir zebra crossing in-naħa t'isfel tat-triq.

21.7.14 Il-Viċi Sindku qalet illi qegħdin jipparkjaw diversi karrozzi/muturi fejn hemm il-bollards ġewwa High str. [fejn Hole in the Wall]. Għamlet suġġeriment biex isir tabella hemmhekk li turi li wieħed ma jistax jipparkja. Is-Sindku qabel. Il-Kunsill qabel ukoll.

21.7.15 Il-kunsillier D.Soler qal illi hemm raġel illi qed jitma l-klieb u t-tiġieġ fil-ġnien Independenza. Dan huwa l-istess persuna li saru diversi rapporti fuqhu mall-pulizija.

21.7.16 Il-kunsillier A.Debono qal illi qegħdin isuqu b'veloċita bl-iscooters mall-Promenade. Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm bzonn tabelli. Is-Sindku u l-kunsillier J.Pillow qalu hemm 12 it-tabella u tagħmel kemm tagħmel minnhom xorta waħda ma jagħtux kaz jekk ma tiġix enforzata.

21.7.17 Il-kunsillier A.Debono talab update rigward il-funtani ta' quddiem Marks and Spencers. Is-S.E qal illi s-CSD ikkonfermaw ftit ilu li m'hemm l-ebda sens ekonomiku biex isir il-manetenzjoni tagħhom u effettivament tfisser illi l-Kunsill jista jkompli bil-ħsieb illi jsiru planters minflokhom.

21.7.18 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm bozza li mhix taħdem fuq il-monument tal-gwerra.

21.7.19 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-lock tat-toilets ta' QSS ma saritx avoljaw għaddew ammont ta' ġimgħat.

21.7.20 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-handyman tal-Kunsill qed imur jaħsel karozzi privati waqt il-ħin tax-xogħol. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt illi jagħmel dan it-tip ta' xogħol part-time, wara l-ħin tax-xogħol, jixtieq provi li qed jagħmel hekk waqt il-ħin tax-xogħol. Is-Sindku fakkar illi sal-aħħar ta' Settembru l-Kunsill kien għaddej bil-ħinijiet tas-sajf.

## 21.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

21.8.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 21.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

21.9.1 Il-kunsillier J.Pillow staqsa dwar l-ispejjez li saru fin-nom tas-sur Sandro Cauchi. Dawn l-ispejjez kienu għal 15 il-ġurnata xogħol. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi l-kumitat tat-tender tal-handyman m'għalaqx it-tender fuq is-sistema.

21.9.2 Ġiet deċiza li tibqa on-hold l-ispiza għall-garaxx tal-Imsida issa li qed tinkera waħda f'Tas-Sliema.

21.9.3 Fuq l-ispiza għall-fustun, il-kunsillier A.Debono staqsa dwar il-possibilta li din tiġġedded sal-Milied. Is-S.E qal illi l-ispiza ma tistax tkun ta' iktar mill-ammont approvat għall-D.O.

## 21.10 MOZZJONIJIET

21.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 21.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

21.11.1 Is-seduta ntemmet fil-23.25. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru

Minuti approvati llum nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |